**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 210/2016JB

Numru: 38

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

***vs***

**Alec Chetcuti (K.I.: 533794M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-31 ta' Mejju 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u tmenin euro u erbgha u erbghin centezmu (€880.44) liema somma tirraprezenta drittijiet dovuti lis-Socjeta Attrici in konnessjoni ma' servizzi u prodotti relatati ma' telekomunikazzjoni;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha inkluz l-affidavit tar-rapprezentant tas-Socjeta Attrici, l-Avukat Jeremy Debono (a fol 2) fejn ikkonferma t-talba attrici;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta izda deher ghas-seduta u talab zmien sabiex jipprezenta risposta (a fol 9);

Ra li t-terminu li gie prefiss ghall-prezentata tar-risposta iddekorra inutilment;

Ra li ghad li t-Talba kienet appuntata ghas-seduta tal-lum, deheret biss l-avukat tas-Socjeta Attrici li ddikjarat li mghandhiex aktar provi xi tressaq;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut – ghad li debitament notifikat – naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €880.44 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mis-17 ta' Gunju 2016, data tan-notifika tal-kawza (a fol 8). L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*